# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru: 89/16 DMA**

**Alison u Carmel konjugi Attard**
**(ID. 200781M u 121669M)**

**Vs**

**Joyce Zammit**
**ID 278164M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2016 fejn l-atturi talbu illi l-konvenuta ghandu tigi kkundannata, minn din l-Onorabbli Tribunal, thallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' elf, disa' mija u disgha u tletin ewro (€1,939) piu imghax legali rapprezentanti oggetti ta' merca u cioe' groceries mibjugha lil intimata fuq inkarigu taghha stess u dan bejn fix-xhur ta' Ottubru u Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Illi nonostante nterpellata thallas permezz ta' ittri legali din baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Deher Carmel Attard li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ta' ta' elf, disa' mija u disgha u tletin ewro (€1,939) ghadu dovut fl-intier tieghu u ma thallas ebda somma ossia din fil-mori tal-kawza.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l- ta' elf, disa' mija u disgha u tletin ewro (€1,939) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**